MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2010

Numru 971/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef )**

**vs.**

**Mihai Vasile-Cristian**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Mihai Vasile-Cristian, ta' tlieta u tletin (33) sena imwieled ir-Rumanija fid-19 ta' Frar 1977, bin il-mejjet Vasile u Mina nee Moisa, u joqghod x'imkien tas-Sliema, detentur tal-karta' ta' l-identita Rumena nru. XT 352510.

Talli f'dawn il-gzejjer minn gewwa Fuego li jinsab fi Triq Santu Wistin San Giljan bejn l-20 ta' Settembru 2010 u l-21 ta' Settembru 2010 bejn l-11.50p.m. (nofs-il lejl neqsin ghaxra) u 12.05a.m. (nofs-il lejl u hamsa), ikkommetta

serq ta’ basket li kien fih *mobile phone* tal-marka Sony Ericsson, Euro 50 fi flus kontanti, kamera tar-ritratti digitali u tlett *credit cards* ghad-dannu ta’ Daphne D Van Bolhuis, liema serq hu kwalifikat bil-‘valur’ u bil-‘hin’.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Wara li rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta’ l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ittrattat bil-procedura sommarja u wara li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta avzatu bil-konsegwenti legali ta’ dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta’ l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta’ l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fatt li huwa ikkoopera mal-pulizija, u ma jirrizultax li l-imputat ikkommetta xi reat iehor qabel dan.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 261(c) u (f), 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, qed tikkundanna lill-imputat ghal sitt (6) xhur prigunerija, li b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal sentejn (2) mil-lum.

Ai termini ta’ l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti spjegat bi kliem car u semplici lill-imputat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------